

P6_TA(2007)0013

**Il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-
Repubblika tal-Korea ***

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill rigward il-konklużjoni tal-Ftehma dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Korea (COM(2006)0422 – C6-0438/2006 – 2006/0141(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2006)0422)¹,
 - wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehma dwar il-koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Korea,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 170 u 300(2), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skond liema Artikolu l-Kunsill ikkonsulta l-Parlament (C6-0438/2006),
 - wara li kkunsidra r-Regoli 51, 83(7) u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A6-0470/2006),
1. Japprova l-konklużjoni tal-ftehma;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri u lill-Gvern tar-Repubblika tal-Korea.

¹ Għadu mhux ippublikat fil-ĠU.